## Present and Future Challenges of Gozitan Employers

L-ewwel nett grazzi lill-GRDA tal-istedina li għamlitli llum. Naħseb li dan il-webinar tana diversi spunti nteressanti li nemmen li wieħed għandu jixtarrhom sewwa. Rwol importanti tal-Awtorita huwa dak li toffri forum ta' diskussjoni fuq politika/ policy fuq Għawdex. Dan kien nuqqas fi ħdan il-qafas ta' governanza tal-gżira Għawdxija, li minkejja ċ-ċokon tagħha, għandek xejriet li ma humiex l-istess. U dan japplika kemm għall-ekonomija, u kif ukoll għas-soċjeta'. U għalhekk huma mportanti dawn is-sessjonijet fejn wieħed jaħseb b'mod attiv, biex wieħed ikun anke jista' jaħseb b'mod proattiv fuq Għawdex. Għalina stess bħala korpi konstitwiti, u hawnhekk qed nitkellem bħala l-Kamra tan-Negozju għal-Għawdex huwa mportanti li aħna jista' jkollna ċertu *data* bħalma ġiet preżentata llum, għax din anke lilna tgħinna biex aħna nkunu nistgħu nifformulaw u nressqu l-proposti tagħna b'mod aħjar. U għalhekk ħadt pjaċir nisma' kemm il-preżentazzjoni tas-Sur Ivan Ebejer, u kif ukoll l-interventi tas-Sur Melchior Vella u tal-Professur Manwel Debono.

Imma x' ħareġ? Ħarġu l-ewwel nett punti mportanti, li nixtieq nikkummenta fuqhom

- li Għawdex huwa fir-riskju li jaqa' f'dik li hi msejħa 'low-skills equilibrium trap'. Din hija xi ħaġa li hija ta' nkwiet għalina minħabba li nemmen li Għawdex għandu javvanza f'setturi li jistgħu joħolqu valur miżjud għoli, u dan ma huwiex possibli jekk ma jkollokx in-nies imħarrġa f'dawn is-setturi. Jekk wieħed per eżempju jara n-*National Productivity Report* tas-sena l-oħra u s-setturi l-iktar li jikkontribwixxu lill-ekonomija nazzjonali, dawn is-setturi f'Għawdex lanqas ma huma minimament preżenti. U din ir-realta hija mwieżna minn ċertu indikaturi li qed joħorġu minn dan l-istudju: (a) rata ta' produttivita' inqas (60% tar-rata Ewropeja); (b) 43% ta' dawk impjegati f'Għawdex li qegħdin fl-inqas tlett setturi mħallsa: il-manifattura, il-kostruzzjoni, u l-bejgħ bil-gross u l-imnut (*wholesale and retail*). Għalkemm f'dawn is-setturi, t-trend hija simili għall-Malta u l-impjiegi qed jonqsu. Fil-manifattura u fil-kostruzzjoni dan jista' jkun attribwit għall-użu ta' iktar makkinarju. Filwaqt li fis-settur tal-*wholesale* u *r-retail* dan jista' jkun attribwit ukoll għall-użu iktar wiesa ta' sistemi elettroniċi kif ukoll għall-kumpaniji nazzjonali li jaħdmu f'Għawdex imma li jkollhom il-bażi f'Malta u jaħdmu f'Għawdex skont il-bżonn. U f'dan l-aspett il-figura tal-*wholesaler* lokali f'Għawdex bil-mod il-mod qed tgħib u qed toħroġ iktar il-figura tal-*wholesaler* li jkun jaħdem b'mod nazzjonali. U f'dan l-aspett qed naraw ukoll min hu ibbażat f'Għawdex.

  Indikatur importanti ieħor li joħroġ minn dan l-istudju huwa **l-location quotient** li juri li Għawdex għandu speċjalizzazzjoni fl-agrikultura u s-sajd, il-kostruzzjoni, l-propjeta mmobiljari u l-amministrazzjoni pubblika. Filwaqt li dan l-indikatur juri li f'Għawdex għandek setturi bħall-finanzi, l-assigurazzjoni (insurance), u l-informatika, li huma ferm inqas rappreżentati f'Għawdex milli f'Malta. Id-dipendenza żejda fuq setturi bħal kostruzzjoni u l-propjeta mmobiljari minn naħa l-oħra hija nkwetanti għax dawn huma setturi li jħallu ġid b'mod temporanju u mhux fit-tul. Filwaqt li d-dipendenza żejda fuq l-amministrazzjoni pubblika qed tassigura riżorsi li jistgħu jintużaw b'mod iktar effiċjenti fis-settur privat. Dan juri li f'Għawdex jenħtieġ nibnu setturi li jistgħu joħolqu valur miżjud fit-tul. Il-qasam tas-sostenibilta' f'Għawdex per eżempju għandu potenzjal enormi. U dan jista' jkun f'forma ta' fakulta ta' studju anke barranija li tispeċjalizza u jkollha l-bażi tagħha f'Għawdex. Il-*campus* tal-*Queen Mary University f'Għawdex* juri li dan hu possibli. Miegħu mportanti wkoll li jkun marbut il-qasam tar-riċerka.

- Li r-rata ta' inattivita, jiġifier persuni li jistgħu jaħdmu imma fir-realta' ma jaħdmux hija ta' 29% filwaqt li f'Malta hija ta' 23%, u dan mhux minħabba nuqqas ta' opportunitajiet.

Is-settur privat f'Għawdex kontinwament jenħtieġ nies, b' ħafna drabi l-impjegati qed jiġu kollha barra minn pajjiżna.

- **Il-bażi tal-kummerċ f'Għawdex**. Mir-riċerka ppreżentata joħroġ li hawn 1,500 intrapriża inqas milli kieku suppost ikun hawn meta mqabbel mar-rata nazzjonali. Dan joħroġ li hemm bżonn naħdmu iktar fuq il-kunċett ta' intrapriża fost it-tfal u ż-żgħażagħ. Bħala Kamra anke f'kollaborazzjoni mal-Awtorita' għall-Iżvilupp Reġjonali ta' Għawdex norganizzaw u l-Aġenzija Żgħażagħ norganizzaw il-'Youth4Entrepreneurship Gozo'. Dan huwa kuntest fejn ngħinu liż-żgħażagħ joħorġu minn qoxrithom u jippreżentaw l-ideja tagħhom fuq Għawdex. Nemmnu li inizjattivi bħal dawn għandhom ikomplu u jissaħħu, biex inrawmu l-kunċett ta' intrapriża f'ġenerazzjoni ġdida.

- **Fattur importanti ieħor li joħroġ minn dan l-istudju huwa li meta kkumparat mal-popolazzjoni, hawn inqas xogħlijiet (*job density*).**

- **Toħroġ ukoll id-dipendenza żejda fuq l-impjiegi fis-settur pubbliku fejn għandek terz ta' dawk li jaħdmu mas-settur pubbliku ikkumparat ma' tnejn minn kull ħams f'Malta.**

- **Dan l-istudju imma qed jurina wkoll kif irridu nippreparaw ruħna għas-suq tax-xogħol.** L-istudju nfatti juri li fis-seba' snin sal-2021 il-popolazzjoni ta' dawk li jistgħu jaħdmu żdiedet b'7% u dan huwa attribwit għall-ħaddiema barranin li ġew jaħdmu f'Għadex. Fl-istudju joħroġ ukoll li din l-istess popolazzjoni f'Għawdex se tesperjenza tnaqqis ta' 14% meta kkumparat mal-2020. Dan juri li l-Gvern flimkien mal-korpi kostitwiti jrid jagħmel xogħol siewi li jnaqqas dawk li huma *inactive*, jiġifieri jistgħu jaħdmu u ma jaħdmux.

- Filwaqt li f'termini ta' edukazzjoni joħorġu riżultati nteressanti, l-istudju joħroġ ukoll li l-provvista ta' xogħlijiet adegwati fl-oqsma ta' dawk li jkomplu jistudjaw mhix waħda tajba f'Għawdex. U dan jista' jispjega ir-rilokazzjoni ta' ħafna żgħażagħ f'Malta u anke f'barra u dan huwa fenomenu li Għawdex jibda jesperjenza meta ż-żgħażagħ jagħlqu t-18 il-sena. U għalhekk irridu nkomplu naħdmu fuq żewġ fronti kemm li nkomplu nsaħħu setturi li s'issa f'Għawdex għandu *footprint* żgħira bħas-settur diġitali imma li nsaħħu wkoll l-aċċessibilta lejn Għawdex ħalli nagħmluha iktar faċli għal dawk li jaħdmu f'Malta li jistgħu jekk iridu jiddeċiedu li jgħixu f'Għawdex.